**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Christian J. Agius

vs

Alberto Serra International Ltd

CCT 245/16/MS

30 ta' Lulju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €2,683.28, parti minn prezz ta' konsenja ta' madum mixtrija mis-socjeta' intimata, liema konsenja ma kienx fiha ammont bizzejjed ta' madum minhabba miskalkulazzjoni da parti tas-socjeta' intimata li kienet qed tiehu hsieb l-ordni.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fit-23 ta' Frar 2017, fejn cahdet it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, ghaliex l-ordni kienet saret abbazi ta' qisien provduti lilha mid-*designer* imqabbad mir-rikorrent u ghalhekk kwalsiasi zball kien tort tar-rikorrent u d-*designer* u mhux tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Irrizulta mill-provi illi f'Novembru 2015 ir-rikorrent kien ghamel ordni fuq xoghol ta' madum ,mas-socjeta' intimata u fit-18 ta' Novembru ircieva l-kwotazzjoni finali minghand Albert Serra, ghall-prezz totali ta' €15,307.44 li kienet tkopri madum ghall-pjan terran (ground floor), l-ewwel sular (first floor), zewg garaxxijiet, bitha ta' wara (back garden) u t-tarag. Xi sena wara, meta r-rikorrent gie biex iwahhal il-madum tat-tarag, induna illi ma kienx ser ikollu bizzejjed madum u ghalhekk kellu bzonn jordna iktar. Gara pero' illi l-madum kien *discontinued*. Di piu, l-maduma kienet wiesgha 90cm mentri t-tarag kienu wiesgha ta' 97cm. Ir-rikorrent ighid li kellu bzonn iktar madum u *bullnoses* minn dak li kien gie ordnat. Filwaqt li m'hemmx kontestazzjoni fuq il-kwantita' ta' madum li gie

ordnat jew il-fatt illi dan ma kienx bizzejjed, ir-rikorrent iwahhal fis-socjeta' intimata li ma haditx il-qisien kif suppost biex b'hekk gie skopert fuq l-ammont ta' madum li kellu bzonn.

Illi min-naha l-ohra s-socjeta' intimata qieghda tghid illi ma kenitx responsabbilta' taghha li tkejjel it-tarag u li qaghdet fuq kalkolu provduta lilha mill-istess rikorrent u *designer* imqabbad minnu. Ighid ukoll illi meta l-madum wasal Malta dan ma giex imwahhal mal-ewwel, u fuq talba tar-rikorrent, l-intimat Alberto Serra accetta li jzommhomlu minghajr hlas sakemm ikun wasal iz-zmien biex jitwahhlu. Fil-fatt, ix-xoghol fuq it-tarag beda xi sena wara li wasal il-madum.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'xi zmien f'Novembru 2015 ir-rikorrent avvicina lis-socjeta' intimata sabiex dina tipprovdilu madum ghad-dar tieghu li kienu jinkludu wkoll it-tarag. Sfortunatament ma hemm l-ebda korrispondenza bejn il-partijiet qabel ma saret l-ordni u mhux ezattament car min kien responsabbli ghal x'hiex hlief ghal *email* wahda ta' 19 ta' Novembru 2015 illi ma tantx taghti informazzjoni fuq il-ftehim bejn il-partijiet. Hu x'inhu ir-rikorrent qabbad *designer* biex jassistih fil-progett tad-dar u darba minnhom iltaqghu lkoll fid-dar tar-rikorrent sabiex isir il-kejl u mieghu l-kalkolu ta' kemm kien hemm bzonn madum u l-prezz taghhom. Dan l-esercizzju sar. Giet ipprezentata stima min-naha tas-socjeta' intimata u gie ordnat u konsenjat il-madum. Peress illi x-xogholijiet kienu ghadhom ghadejjin, ir-rikorrent talab lill-intimat sabiex izommlu l-madum tat-tarag sakemm jasal iz-zmien sabiex dan jitwahhal. Dana sar sena wara li l-madum gie ordnat u meta beda jitwahhal ir-rikorrent irejalizza illi ma kienx ser ikun hemm bizzejjed. Avza b'dan lill-intimat, li min-naha tieghu, meta ghamel il-verifiki mas-*supplier* barra minn Malta, gie infurmat illi l-madum gie *discontinued*. Il-kontroversja bejn il-partijiet ddur fuq il-fatt illi r-rikorrent qieghed jallega illi l-kejl kien responsabbilta' tal-intimat mentri dan tal-ahhar qal illi hu hadem fuq kalkolu li gie moghti lilu mir-rikorrent u d-designer. L-intimat kien prezenti meta kien qed jittiehed il-kejl, pero' zamm biss notamenti fuq informazzjoni li giet moghtija lilu mid-*designer* li kien qed jikkalola l-kejl bil-*laser* tieghu stess.

Ikkunsidra

Illi biex it-Tribunal jasal ghal soluzzjoni ghal din il-kontroversja ra ukoll l-emails li gew skambjati bejn il-partijiet fl-aktar zmien vicin li nqalghat il-kwistjoni. Wahda minn dawn hija dik mibghuta minn Alberto Serra lir-rikorrent fid-9 ta' Dicembru 2016 fejn Serra qieghed jallega illi meta kien fuq il-post kien id-*designer* illi kkwotalu l-kejl u fil-fatt qallu li kien hemm bzonn ta' 54 bicciet mentri Serra ordna 58. Di piu' dan tal-ahhar ighid illi z-zieda fl-uzu tal-bullnoses kien *"afterthought"* min-naha tar-rikorrent u ghalhekk spicca biex ma kienx hemm bicciet bizzejjed. Di piu' jargumenta li l-fatt li l-manifattur iddecieda li ma

jkomplix bil-produzzjoni kienet xi haga li ma kellux kontroll fuqha. Illi ghal din l-email, ir-rikorrent irrisponda illi ma kienx minnu illi kellu *afterthought* u kien jidher car illi kien hemm bzonn tlett bullnoses ghal kull targa u mhux tnejn kif allega Serra. Jikkonferma illi dam tmien xhur qabel ma qieghed il-madum, pero' skond ir-rikorrent dan kien perjodu normali meta jkun qed isir xoghol ta' kostruzzjoni f'dar residenzjali.

Ikkunsidra

It-Tribunal mhuwiex moralment konvint illi din il-kontoversja nqalghat esklussivament tort tal-intimat peress illi mhuwiex car ta' min kienet ir-responsabbilta' tat-tehid tal-kell. Il-provi huma konfliggenti aktar u aktar meta iqis illi l-laser ghal kalkolu tal-kejl ingieb mid-designer u mhux mill-intimat, fejn allura dan ixaqqleb il-vertenza favur it-tezi tal-intimat li kien id-*designer* li qed jiehu l-kalkolu u l-intimat jiehu n-nota ta' dak li kien qed ighidlu l-istess *designer*. Sa hawn kollox sew u l-anqas ma t-Tribunal issibha stramba illi rrizulta nuqqas fl-ammont ta' madum li gie konsenjat peress illi dina hija xi haga normali f'dan it-tip ta' xoghol. Is-soluzzjoni tkun illi jingieb aktar madum. Sfortunatament fil-frattemp il-manifattur iddecieda illi ma jkomplix b'dik il-linja u ta' dan zgur ma jahtix l-intimat. Min-naha tieghu, ghamel pjacir lir-rikorrent meta zamm il-madum go mahzen tieghu sakemm ir-rikorrent jasal biex iqieghdu. Jekk tmien xhur humiex normali jew le hija akkademika f'dan l-istadju. Il-fatt hu illi dan iz-zmien kien twil bizzejjed sabiex il-manifattur jiddeciedi illi jwaqqaf il-produzzjoni u kif gja nghad dan mhu tort ta' hadd, wisq anqas tal-intimat.

Ghalhekk la t-Tribunal mhuwiex moralment konvint min kellu r-responabbilta' li jiehu l-kejl, pero' huwa zgur illi t-trapass taz-zmien sakemm tqeghid il-madum hu attribwibbli ghal decizjoni mehuda mir-rikorrent u l-fatt li f'dan it-trapass il-manifattur iddecieda li ma jkomplix bil-produzzjoni ta' dik il-linja, igieghel lit-Tribunal ixaqqleb favur it-tezi tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru